Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# L-Intenzjonijiet tal-Papa għas-Sena 2020



JANNAR

**Evanġelizzazzjoni: Naħdmu biex tikber il-Paċi fid-dinja**

Nitolbu sabiex l-insara kif ukoll dawk ta' reliġjonijiet oħra u l-bnedmin kollha ta' rieda tajba jaħdmu favur il-paċi u l-ġustizzja fid-dinja.



FRAR

**Universali: Biex jinstema' l-krib tal-immigranti**

Nitolbu sabiex il-krib ta' ħutna l-immigranti, li huma vittmi ta' traffikar kriminali, jinstema' u jingħata l-importanza li tixraqlu.



MARZU

**Evanġelizzazzjoni: Il-Kattoliċi fiċ-Cina**

Nitolbu sabiex il-Knisja fiċ-Ċina tippersevera fil-fedeltà tagħha lejn il-Vanġelu u tikber fl-għaqda.




APRIL

**Universali: Il-libertà minn kull dipendenza qerrieda**

Nitolbu sabiex dawk li huma maqbuda f'xi vizzju jew dipendenza qerrieda jsibu l-għajnuna u min jimxi magħhom lejn il-fejqan.



MEJJU

**Evanġelizzazzjoni: Għad-djakni**

Nitolbu biex id-djakni, fidili lejn is-servizz lill-Kelma t'Alla u l-foqra, ikunu simbolu li jagħti ħajja lill-Knisja kollha.



ĠUNJU

**Evanġelizzazzjoni: It-Triq tal-Qalb**

Nitolbu biex dawk kollha li qed ibatu, jsibu triqthom fil-ħajja, u jħallu lill-Qalb ta' Ġesù tmiss 'ill-qalb tagħhom.

Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# L-Intenzjonijiet tal-Papa għas-Sena 2020



LULJU

**Universali: Il-familji tagħna**

Nitolbu biex il-familji tal-lum isibu min jimxi magħhom bl-imħabba, rispett u sens ta' direzzjoni.



AWWISSU

**Universali: Dawk li jaħdmu fuq il-baħar**

Nitolbu għal dawk kollha li jaħdmu jew jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-baħar, fosthom il-baħrin, is-sajjieda u l-familji tagħhom.



SETTEMBRU

**Universali: Rispett lejn ir-riżorsi tal-pjaneta**

Nitolbu sabiex ir-riżorsi tal-pjaneta ma jiġux sfruttati bla rażan, imma jitqassmu b'mod ġust u b'rispett fost il-bnedmin kollha.



OTTUBRU

**Evanġelizzazzjoni: Il-missjoni tal-lajċi fil-Knisja**

Nitolbu biex, permezz tal-Magħmudija, il-lajċi, speċjalment in-nisa, ikollhom sehem akbar f'diversi risponsabbiltajiet fil-Knisja.



NOVEMBRU

**Universali: L-intelliġenza artifiċjali**

Nitolbu sabiex il-progress fit-teknoloġija u apparat b'intelliġenza artifiċjali jibqa' dejjem għas-servizz tal-bniedem.



DIĊEMBRU

**Evanġelizzazzjoni: Għall-ħajja ta' talb**

Nitolbu biex ir-relazzjoni personali tagħna ma' Ġesù Kristu nsostnuha bil-Kelma t'Alla u ħajja ta' talb.